ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO

# Is-Sehem tal-Folklor fl-Identità Kulturali Maltija

Is-suġġett tiegħi llum huwa s-sehem tal-folklor fl-identità kulturali ta' Malta. F'din it-taħdita sejrin inħarsu, lejn xi aspetti tal-folklor li jistgħu jitqiesu bħala karatteristiċi tagħna l-Maltin, ukoll jekk għandhom xi xebh jonkella mnisslin minn dawk ta' nies oħra li magħhom għandna, jew kellna, kuntatti fl-imgħoddi.

Biex nagħmlu dan infissru qabel xejn x'nifhmu bil-kelma "folklor" u, wara li nagħtu xi ħjiel dwar l-elementi ewlenin li minnhom storikament issawwar il-folklor tagħna, infittxu nagħżlu dawk l-aspetti li l-Maltin infushom għandhom tant għal qalbhom li mhux biss żammewhom ħajjin fl-imgħoddi iżda wkoll żiedu jiżviluppawhom minn żmien għal ieħor u saħansitra ġarrewhom magħhom fl-artijiet fejn kellhom isiefru. B'dan il-għan beħsiebni nitkellem dwar l-esperjenza Maltija f'dawn l-aħħar 25 sena jew iktar b'mod oġġettiv, u fejn jenħtieġ nagħmel ukoll xi kumment jew awto-kritika.

*X'inhu l-Folklor*

Bil-kelma "folklor" hawnhekk nifhmu t-tradizzjoni, l-għerf bla miktub tal-poplu, bil-ħidmiet ta' l-id u tal-moħħ. Fil-livell tal-folklor din il-'kultura' hija aktarx rurali, pre-industrijali u mhix mekkanizzata. Tħaddan fiha l-ħrejjef, il-leġġendi u rakkonti oħra popolari, il-proverbji, il-għana, iż-żfin u l-mużika folkloristika, il-ħaġa moħġaġa, il-logħob u l-mogħdija taż-żmien, il-festi, l-użanzi u divertimenti oħra ta' matul is-sena, it-twemmin fieragħ jew superstizzjonijiet, flimkien mas-snajja' l-qodma u l-arti tal-poplu bla tagħlim, il-kostruzzjonijiet primitivi bħal giren, irziezet u bini ieħor rustiku bl-agħmajjar ta' ġo fihom, l-għodod tax-xogħol li ġejjin mill-imgħoddi, l-ilbies u l-modi li llum inqatgħu, l-agħjat tal-bejjiegħa, l-ikel tradizzjonali, id-drawwiet ta' fuq ix-xogħol, tat-twelid,

tat-tfulija, taż-żwieġ u tal-mewt u f'ħafna ċirkostanzi oħra tal-ħajja.

Mir-rifless ta' dawn l-aspetti kollha toħroġ ix-xbieha ta' l-identità kulturali li waslet għandna msawra mal-mixja tas-snin bħala riżultat ta' l-istorja, wara proċess twil ta' assimilazzjoni u adattazzjoni ta' twemmin u użanzi ġejjin minn sorsi diversi li bihom intisġet ix-xoqqa mżewqa tat-tradizzjoni biex Malta sfat post uniku, biex ngħid hekk, – sintesi ta' diversi ħjut li jirriflettu ċ-ċiviltajiet tal-Mediterran.

*L-Element Rumanz*

Bħal fil-każ tal-lingwa, il-folklor Malti huwa minsuġ minn żewġ elementi ewlenin – l-element Semitiku, aktarx Għarbi, dak Rumanz. L-element Rumanz m'huwiex antik daqs l-ieħor; bejn wieħed u ieħor issawwar matul l-aħħar sitt mitt sena ta' ħakma barranija, l-iżjed bil-kuntatti li kellna ma' Sqallija, ma' l-Italja u ma' Spanja. Jingħaraf mingħajr tbatija, u ġie studjat minn bosta, Maltin u m'humiex.[1] Il-kontenut reliġjuż ta' ċerimonji tradizzjonali, ta' spettakli u drawwiet ta' l-istaġun għadu qawwi sa llum u juri li tnissel direttament minn xi wieħed jew ieħor minn dawn il-pajjiżi. Is-saff Rumanz tal-wiċċ wasal għandna wkoll bil-fomm, miżmum ħaj bil-kelma Maltija kif imħaddma fit-taqbil tat-tfal (*nursery rhymes* – e.g. "Banni Bannozzi"), fil-logħob tradizzjonali, fil-proverbji, fit-talb qadim ta' meta niesna kienu għadhom bla tagħlim, fil-ħrejjef, fil-ballati bħal dik ta' *l-Għarusa tal-Mosta,* fix-xogħol u s-snajja' ta' l-imgħoddi, eċċ. Ma' dawn insemmu wkoll l-influwenza Griega, aktarx minn Rodi, f'xi drawwiet bħal dik tar-Rxoxt – suġġett li għadu ma ġiex studjat fid-dettall, u ħafna drawwiet li aħna assimilajna fl-aħħar seklu u nofs bil-kuntatt dirett ma' l-Ingliżi fl-amministrazzjoni, bi żwieġijiet u taħlit ieħor – l-effett ta' relazzjonijiet industrjali, ekonomiċi u soċjali.

*L-Element Semitiku*

L-element Semitiku ma tindunax bih mill-ewwel, għax matul is-sekli sar fih bosta tibdil, tagħwiġ u żjidiet, bir-riżultat li kważi nkesa u tgħatta taħt il-mewġiet ta' konċetti iżjed ġodda, ta' għajdut u drawwiet ta' nisel Rumanz. Imma xorta qiegħed hemm għal min jaf jagħrfu. F'dawn l-aħħar snin bdew isiru xi studji fuqu[2] u maż-żmien għad naslu biex nagħrfuh aħjar bħala komponent importanti ta' l-identità kulturali tagħna fil-livell tal-folklor. Hawnhekk biżżejjed ngħidu illi l-influwenza kulturali Arabo-Berbera ma' waqfitx mal-miġja tal-Konti Ruġġieru fl-1090 jew, kif isostnu xi storiċi, mat-tkeċċija finali tagħhom minn Malta mir-Re

Federiku II fl-1224. Għax ukoll tul il-ħakma tal-Kavalieri (1530-1798) il-kuntatti ma naqsux. Jissemmew ħafna drabi meta, għal skop ta' kummerċ, u bl-appoġġ tal-Gran Mastri, kienu jieqfu mill-ġlied, jiftiehmu li jagħmlu tregwa, u jingħata permess biex jidħlu fil-Port bastimenti Torok[3] mgħobbija bil-laħam, bil-biskott, bit-tamar, biż-żejt, bis-sapun u bil-ġobon. Dan biex ma nsemmux il-mijiet ta' rsiera Mori – daqs 800 sa 1000 – li dejjem u f'kull żmien kien hawn Malta, uħud minnhom igħixu fid-djar ta' nies Maltin li jistgħu, u oħrajn li għalkemm kien ikollhom jinġabru jorqdu fil-Ħabs tar-Rsiera, mal-ġurnata kienu jitħallew jitħalltu mal-Maltin mod ieħor. Kienu jsajru u jbiegħu l-kafè li dak iż-żmien kien għadu dieħel bħala bevanda ġdida, kienu jaħdmu u jbiegħu oġġetti maħdumin minnhom bl-idejn; kienu jġorru l-ilma sa l-ibliet, jikinsu t-toroq u jagħmlu xogħol ieħor. U daqs l-Isqallin li kellna jiġru magħna fl-ibliet, l-ilsiera Misilmin kienu mfittxija ħafna mill-Maltin għall-fejqan minn xi daqqa ta' għajn, jew għall-magħmul, kif ukoll għal xi seħer ieħor bħala rimedju għal diżappunti fl-imħabba, u hekk.[4]

Imbagħad fis-seklu li għadda, is-seklu 19, reġa' kellna kuntatti mill-qrib ma' l-Istati ta' Barbarija b'dawk l-eluf ta' Maltin li kellhom isiefru għal dawk il-pajjiżi u li wara żmien, kif nafu, reġgħu lura Malta. Ċirkostanzi bħal dawn huma ideali għat-tlaqqim u s-self ta' elementi kulturali bejn poplu u ieħor, kif rajna wkoll iseħħ fi żmienna f'dawn l-aħħar snin, meta l-preżenza ta' gruppi ta' żeffiena mill-Affrika ta' Fuq fil-Karnival Malti kienet biżżejjed biex f'qasir żmien żeffiena Maltin ħadu minn għandhom u adattaw xi motivi, e.g. il-ġarra taż-żejt.[5] Insemmu dan biex nuru kemm għad fadal x'isir biex jiġi stabbiliti kif imiss in-natura u l-entità ta' l-element Semitiku li daħal fit-tiswir ta' l-identità kulturali ta'niesna.

*Interess Reċenti fil-Folklor*

Kull poplu, imqar jekk inhu bla skola, għandu f'moħħu idea sewwa, għalkemm forsi mhix ċara għal kollox, tiegħu nnifsu, u jħoss ġo fih liema karatteristiċi jagħżluh minn nies oħra. Il-folklor jiswa biex jagħti sens ta' identità lin-nies ta' l-istess nazzjon, ukoll jekk dawn ikunu mxerrda f'bosta bnadi. Il-poplu għandu l-kriterji tiegħu għat-trasmissjoni tat-tradizzjoni, u għalhekk insibu illi fejn jidħol il-folklor hija l-kotra – naturalment bl-influwenza ta' individwi fostha ta' personalità qawwija – li tiddeċiedi liema użanzi għandhom jinżammu ħajjin jew jinbidlu, liema twemmin irid jitwarrab u jagħmel il-wisa' għal ieħor floku, kif u meta tista' tiġġedded xi drawwa li nqatgħet jew waslet biex tintesa, u f'liema

ċirkostanzi ġgorr u tħawwel barra minn pajjiżha drawwiet li mdorrija bihom f'art twelidha. Nieqfu ftit, mela, u naraw flimkien f'dawn l-aħħar 25-30 sena x'għadda minn għalihom xi taqsimiet tal-folklor li jiddeterminaw il-għamla u n-natura ta' l-identità kulturali ta' Malta.

L-aħħar 25 sena kienu snin li fihom għall-ewwel darba Malta kellha tiffronta waħedha r-realtà ta' x'jiġifieri tmexxi pajjiż, tipprovdi xogħol għall-poplu u f'ħin wieħed tassikura livell tal-għajxien aħjar. Wieħed jinnota bi pjaċir illi, minkejja l-problemi marbutin ma' l-iżvilupp ekonomiku, industrjali u turistiku, u minkejja tħassib ieħor fil-qasam tal-ħajja pubblika, tqanqal fost il-Maltin interess fit-tradizzjonijiet li mażżmien ħa żewġ xejriet ewlenin – it-tnejn li huma jimmiraw għall-ħarsien tal-folklor bħala element vitali ta' l-identità kulturali Maltija. Rajna tissaħħaħ il-ħidma f'dak li huwa ġbir ta' materjal folkloristiku li kien għoddu ntesa, saru studji serji mibnija fuq it-tixbih ta' l-istess materjal ma' dak ta' gżejjer u mkejjen oħra tal-Mediterran, ħarġet rivista ta' livell għoli, *Maltese Folklore Review*, bejn l-1962 u l-1973, inqraw relazzjonijiet dwar il-Folklor Malti f'kungressi internazzjonali li bihom l-identità kulturali tagħna tqiegħdet fuq il-mappa tar-riċerka internazzjonali, u fl-istess ħin, bis-saħħa ta' diversi wirjiet organizzati mill-Għaqda Maltija tal-Folklor, imwaqqfa fl-1965, u minn għaqdiet oħra, b'tagħrif imxandar fuq medda ta' bosta snin u bil-wiri ta' dokumentarji fuq il-mezzi tax-xandir u fuq it-TV il-poplu seta' jibda jagħraf aħjar x'inhu l-wirt tradizzjonali li wasal għandna u li huwa d-dmir tagħna li nħarsuh u ngħadduh sħiħ lil ta' warajna.[6] Ma' dan l-għarfien issieħbet il-ħidma tal-poplu nnifsu b'riżq it-tradizzjonijiet tagħna, ħafna drabi mweżnin fuq ir-reliġjożità popolari li hija ingredjent, anzi karatteristika qawwija tal-folklor Malti, għalkemm minn daqqiet din illum qiegħda tonqos ukoll. Nagħtu ftit eżempji, b'xi kummenti fejn jenħtieġ.

*Festi – Tberik tal-Bhejjem*

Il-festi, li jiddependu mill-għotjiet volontarji taċ-ċittadin, kibru fuq li kibru u laħqu skala tassew impressjonanti f'dak li aħna nafu bħala "festi ta' barra" – tiżjin, baned u marċijiet, murtali u nar ta' l-art. Il-baned, li fuqhom hija mpernjata l-festa bħala istituzzjoni popolari, u li ftit snin ilu kien hemm il-biża' li għad jonqsu mill-importanza għax ma kenux qed isibu bandisti biżżejjed, donnhom sabu soluzzjoni billi ħajru u għallmu bandisti bniet li mlew post l-irġiel.

Id-drawwa tat-tberik tal-bhejjem nhar jew qrib il-festa ta' Sant'Anton Abbati fis-17 ta' Jannar tmur lura sas-seklu 16. Mir-Rabat, fejn issir barra

l-knisja ta' l-Agostinjani, id-drawwa xterdet f'naħiet oħra u sa żmienna kienet magħrufa ċ-ċerimonja tradizzjonali li ssir il-Belt, quddiem il-Knisja tal-Vitorja, u l-oħra li ssir fix-Xagħra t'Għawdex. Żmien bi żmien il-popolarit ta' din id-drawwa kibret ukoll fost it-tfal li bdew jieħdu sehem fiha bl-agħsafar jew ħamiem ġewwa l-gaġeġ, b'xi fekruna, ħut ta' l-ilma ħelu, xi ġeru jew ferħ ta' qattus, flimkien ma' rġiel li jieħdu għat-tberik il-bhejjem tagħhom – żwiemel, baqar, dwieb, xi poni, u hekk. Imbagħad ftit snin ilu ċ-ċerimonja tal-Belt ma baqgħetx issir, u qrajna fil-gazzetti li l-istess drawwa kienet soltu ssir, ġimgħa wara, il-Mosta, fuq iz-zuntier tal-knisja qadima ta' Sant'Anton Abbati, mibnija fl-1608, kif ukoll in-Naxxar, quddiem l-Oratorju, f'wieħed mill-Ħdud ta' Jannar qrib il-festa tal-qaddis.

Waqt li konna qegħdin niktbu dan id-diskors, sirna nafu li t-tberik ta' l-annimali jsir ukoll f'postijiet oħra tal-gżejjer tagħna, aktarx imma mhux bilfors marbut makl-festa ta' xi qaddis tal-post. Insemmu, ngħidu aħna, li fil-parroċċa ta' Santa Venera, bit-tħabrik ta' wieħed dilettant tal-bhejjem, xi għaxar snin bdiet issir wirja taż-żwiemel Ħadd fuq il-festa f'Lulju, u wara mbagħad isir it-tberik tagħhom u ta' annimali oħra li jġibu għaċ-ċerimonja. Imma din is-sena, qalulna, aktarx li l-wirja u t-tberik sejrin isiru fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru.

Xi erba' snin ilu l-Patrijiet Franġiskani daħħlu din id-drawwa kemm f'Għajnsielem, Għawdex, fil-knisja tagħhom ta' Sant'Antnin, kif ukoll, sena wara, fil-Parroċċa tas-'Sacro Cuor", ġewwa Tas-Sliema. It-tberik isir f'wieħed mill-Ħdud ta' Ottubru, li fih taħbat il-festa liturġika, nhar l-4 tax-xaħar, tal-fundatur tagħhom San Franġisk t'Assisi, li kien tant iħobb l-annimali.

Qabel dan, ġara wkoll li fl-1981 sar żvilupp ieħor b'inizjattiva tal-Kappillan ta' San Ġiljan. Il-festa ta' San Ġiljan taħbat fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu. Ħadd qabel, filgħodu, bdiet issir sfilata bil-bhejjem, u bid-daqq tal-banda ta' l-Iscouts, li tgħaddi mat-triqat minn ħdejn "The Gardens" sa Spinola fejn isir it-tberik tal-bhejjem. Jieħdu sehem, barra t-tfal, gabillotti, sajjieda u kaċċaturi minn Malta kollha. Tliet snin wara, fl-1984, attivita` oħra ta' din ix-xorta bdiet issir fiż-Żejtun, imħeġġa mill-Arċipriet il-ġdid, fit-tieni Ħadd ta' Settembru. L-isfilata ta' l-annimali tibda minn ħdejn il-knisja parrokkjali u tispiċċa ħdejn il-knisja magħrufa bħala San Girgor il-Qadim, fejn issir iċ-ċerimonja tat-tberik. Naraw li f'dawn il-postijiet ġodda li fihom xterdet id-drawwa, għalkemm id-data m'għandha x'taqsam xejn ma' Sant'Anton Abbati, in-nies laqgħet dan l-iżvilupp, u jidher li din id-drawwa ser tkompli tixtered għal naħiet oħra

ta' Malta. Naħseb li ċerimonja bħal din ta' lewn lokali, li ssir fil-beraħ mill-inqas f'disa' postijiet differenti – ħamsa minnhom fis-sajf – jixraq li tkun reklamata fil-kalendarju folkloristku u f'letteratura oħra turistika.

*Drawwiet tar-Rxoxt u tal-Ġimgħa l-Kbira*

Id-drawwa tal-purċissjoni bil-vara ta' Kristu Rxoxt hija qadima ħafna u tixhed influwenza Griega-Rodjota. Fi żmien, l-isbaħ waħda għall-iskop tagħna kienet tkun dik tal-Belt, filgħodu kmieni, li kienet titlaq minn ħdejn il-knisja tal-Griegi u li fiha kien jieħu sehem il-Papàs ukoll. Mill-Gwerra 'l hawn il-qofol ta' din it-tradizzjoni baqa' jżomm l-egħruq tiegħu ġewwa l-Birgu u Bormla, u mbagħad ukoll ġo l-Isla. F'dawn l-aħħar snin imbagħad rajna jiżdiedu l-postijiet fejn issir din il-purċissjoni li fiha, barra li qalb in-nies ikun hemm it-tfal bil-figolla f'idhom lesti biex hu u għaddej l-Irxoxt iberikhielhom, f'ċerti naħiet tal-post li jkun in-nies jingħaqdu mar-reffiegħa tal-vara, jiġru biċċa biha u fl-aħħar jgħolluha fuq idejhom bħala wirja ta' ferħ għall-qawmien ta' Kristu minn bejn l-imwiet.[7]

It-twessigħ ta' din id-drawwa ta' l-Għid jista' jitqies ħaġa waħda mal-proċess ta' elaborazzjoni li rajna jiżviluppa fl-ispettaklu bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-bosta bliet u rħula ta' Malta u Għawdex fejn issir din il-purċissjoni. Ir-riċerka fl-istorja ta' dan l-ispettaklu għaddiet ħafna 'l quddiem.[8] Iż-żjieda fin-numru tal-vari mill-Gwerra 'l hawn, il-lussu fil-kostumi milbusin mill-karattri jew persunaġġi Lhud u Rumani, is-simboliżmu marbut mal-figuri u l-oġġetti f'idejn l-istess karattri, jew tfal lebsin iż-żimarra, jitħalltu mas-swied il-qalb tan-noti tal-marċi funebri li minnhom jiddakkru wkoll il-folol tan-nies miġburin biex jassistu u juru s-sogħba tagħhom għall-aqwa sagrifiċċju ta' Bin il-Bniedem. Is-sens ta' riparazzjoni u penitenza li jsaltan u jinħass f'dan il-jum jolqot lill-frustieri, kif ġie li qaluli, bħala element karatteristiku tax-xena Maltija, minsuġ ma' manifestazzjonijiet oħra ta' sawm, ta' ċaħda mit-tipjip, bil-bandieri mezz'asta, bil-ħsejjes taċ-ċuqlajta mill-kampnari flok id-daqq tal-qniepen, u bil-wiri ta' l-Aħħar Ċena li, mill-Oratorju tad-Dumnikani tal-Belt fejn bdiet tintrama 'l fuq minn mitejn sena ilu,[9] xterdet mill-Gwerra 'l hawn għal Bormla u diversi bnadi oħra tal-Gżira.

*Drawwiet tal-Milied*

Fit-tradizzjoni tal-Milied għandna storja daqsxejn differenti.Daqs qabel jekk mhux iżjed ukoll, id-dehra tal-kagħak tal-għasel fil-ħwienet

għadha tfakkarna li riesaq il-Milied. Sar għandna tiżjin u mixegħla fit-triqat, li qabel ma kellniex, u jiġu organizzati uffiċjalment ħwejjeġ oħra ġewwa l-Belt. Rajna wkoll tinbidel id-drawwa li jingħataw rigali jew flus għall-Ewwel tal-Sena, jew *Strina,* u dawn illum fil-biċċa l-kbira qed jingħataw għall-Milied. Ġewwa l-knejjes inqatgħet id-drawwa, li kienet issir l-iktar f'Għawdex, li lejlet il-Milied xi nies jirrappreżentaw ir-ragħajja jidħlu l-knisja jdoqqu ż-żaqq u jibqgħu telgħin sa ħdejn l-altar; kif ukoll m'għadekx tisma' b'dak il-logħob li kien isir fl-istess ħabta, ġewwa Għawdex ukoll.[10] Minnflokhom, rajna jiżviluppaw xi aspetti oħra li jispikkaw bħala tifsira ġenwina ta' l-identità kulturali tagħna. Dawn għandhom x'jaqsmu mal-purċissjoni bil-Bambin, bil-kant ħelu tat-tfal tal-MUSEUM bil-Malti, organizzata l-ewwel darba minn Dun Ġorġ Preca fl-1921 fil-Ħamrun, u d-drawwa l-oħra tat-tfajjel li jitla' jagħmel il-priedka ta' lejlet il-Milied waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl, li l-ewwel ma tissemma li saret kien f'Ħal Luqa fis-sena 1884.[11] Żvilupp ieħor reċenti, bl-inkoraġġiment uffiċjali tal-Kumitat tal-Festi u b'kompetizzjonijiet pubbliċi, ġieb miegħu żjieda fil-għadd ta' presepji, mekkaniċi jew statiċi, li jitwaqqfu f'xi djar għall-wiri tal-pubbliku, kif ukoll titjib fil-livell artistiku tagħhom. Ma' dan wieħed isemmi l-Presepju Ħaj, bi tfal lebsin il-ġlud bħala ragħajja u b'annimali veri, li jsir f'Ħal Lija, [12]u l-ispettaklu fuq skala ikbar li jsir bħala *pageant* fir-raħal ta' San Lawrenz f'Għawdex.[13] Insemmu fl-aħħarnett illi kien hemm żmien meta s-siġra tal-Milied, ta' nisel Nordiku, ħabtet thedded li ser twarrab il-grotta jew presepju bil-pasturi mid-djar Maltin. Iżda niesna għarfu jilqgħu s-siġra għaż-żina tad-dar mingħajr ma warrbu d-drawwa qadima tal-presepju bil-pasturi u l-qamħ u l-ġilbiena li jgħaxxaq lit-tfal tagħna,[14] u lill-kbar ukoll, ġewwa d-djar – rifless tar-ruħ Maltija milquta mir-rakkont tat-Twelid ta' Kristu.

*San Girgor u l-Imnarja*

Żewġ okkażjonijiet ta' importanza folkloristika li llum m'għadhomx jirriflettu l-bidu jew nisel reliġjuż tagħhom huma l-ħarġa saż-Żejtun (illum sa Marsaxlokk) nhar San Girgor li l-festa tiegħu , mis-sena 1781, fi żmien l-Isqof Labini, bdiet issir nhar l-ewwel Erbgħa fuq l-Għid il-Kbir flok f'nharha fil-12 ta' Marzu li jaħbat fir-Randan, u dik ta' l-Imnarja li l-qofol tagħha llum huma d-daqq u l-għana, il-Wirja fil-Buskett, u t-tiġrijiet tal-bhejjem fit-telgħa tal-barrakka ta' taħt is-Saqqajja. Huma żewġ tradizzjonijiet sħaħ u qawwija, iżda t-tnejn li huma aktarx tilfu x-xejra oriġinali tagħhom bħala pellegrinaġġi – ta' San Girgor bi twettiq ta'

wegħda, mill-Imdina sal-knisja ta' San Girgor, iż-Żejtun, u ta' l-Imnarja minn kullimkien għall-funzjoni ġewwa l-Kattidral ta' l-Imdina, u filgħodu nhar il-festa mbagħad b'purċissjoni mill-Kattidral sal-Grotta ta' San Pawl, qabel ma l-folol igħaddu għall-Buskett.[15] Imma kif għedna, minkejja li naqas u kważi ntesa l-element reliġjuż ta' dawn iż-żewġ festi, xorta waħda l-poplu għadu jagħmel għalihom, u kważi sawwarhom f'korazza għall-ħarsien tal-kultura popolari li nbniet fuqhom u ntisġet madwarhom.

*Għana u daqq Malti*

Bla dubju ta' xejn il-fergħa tal-għana u daqq Malti hija l-iktar waħda li ssaħħet u tferrxet, u ġiet aċċettata mill-istudjużi u minn ħafna oħrajn bħala espressjoni ta' l-identità kulturali Maltija fil-livell folkloristiku.[16] Tliet fatturi ewlenin għenu biex iseħħ dan l-għarfien: (i) fis-Snin Tletin id-ditta Damato kienet ġabret l-iprem għannejja ta' dak iż-żmien u ħarġet id-diski ta' l-għana bil-Malti, irreġistrati fl-Italja; (ii) bejn wieħed u ieħor mill-1940 'il quddiem, u sal-ġurnata ta' llum, il-Kumpanija tar-Rediffusion u llum Xandir Malta – inkoraġġiet diversi programmi ta' għana Malti u bil-mod il-mod darriet il-widna tas-semmiegħa bil-motivi Maltin tal-mużika folkloristika, u (iii) għal ħafna snin wara l-1953, bil-Konkorsi ta' Għana u Daqq Malti li s-Soċjetà Agrarja kienet torganizza ġol-Buskett lejlet l-Imnarja, it-tradizzjoni tal-mużika folkloristika kompliet tieħu ħajja ġdida u b'riħethom ħarġu għannejja u kitarristi kapaċi jadattaw rwieħhom għall-gosti ta' llum.

Eqreb lejna, ma' l-iżvilupp fil-qasam turistiku, rajna l-figura ta' l-għannej Malti, imsieħeb mal-kitarristi, jiġi msejjaħ biex jieħu sehem fid-divertiment organizzat ġewwa l-lukandi. In-numru ta' l-għannejja żdied, kif għedna, u fil-biċċa l-kbira ta' l-irħula, biex ma ngħidx ukoll f'xi bliet, hemm postijiet fejn daqqaqa u għannejja minn naħiet differenti tal-gżira jiltaqgħu regolarment għal serati twal ta' għana. Hija tista' tgħid kultura oħra subalterna li għadha miexja 'l quddiem bl-inkoraġġiment ta' bosta ħbieb dilettanti u li fiha minn żmien għal ieħor qegħdin jitfaċċaw u jitrawmu sa miċ-ċokon għannejja żgħażagħ li jieħdu post dawk li jitilqu. Infakkru wkoll li fl-1984 sar esperiment biex l-għana jiġi adattat għal mar-ritwal reliġjuż tal-poplu. Bis-saħħa tal-M.A.S. saru, l-ewwel fl-Imġarr imbagħad f'diversi parroċċi ta' Malta, quddisiet bl-għana Malti b'versi miktubin apposta minn Oliver Friggieri u mill-mibki Ġużè Cardona. Fuq din il-biċċa Friggieri fisser ruħu hekk f'ittra lill-editur ta' *Lil Ħbiebna* f'Mejju ta' l-1985: "Kienet esperjenza li ngħoġbot sewwa;

għalija fissret għal darb'oħra kemm hu meħtieġ li l-fidi tiġi integrata ma' kull aspett tal-kultura tal-pajjiż, ħaġa li jisgħobbija ngħid, l-aktar fejn tidħol il-lingwa Maltija, mhux dejjem issir..." Minkejja ta' dan kollu, għad fadal biex jinqata' l-preġudizzju li għad hawn kontra l-għana u biex kulħadd jagħraf illi, irridu u ma rridux, din hija parti intrinsika mill-wirt folkloristiku tagħna li għad trid tiġi apprezzata sew mil-lat mużikali tagħha, kif diġà ispiraw ruħhom minnha fi żmienna kompożituri bħal Carmelo Pace u Charles Camilleri, kemm ukoll bħala poeżija popolari mibnija fuq regoli moħbija ta' xbihat li l-għannej ta' spirtu pront u tal-fatt iħaddem u jilgħab bihom kif jaqbillu waqt li jkun iqabbel ma' sħabu.[17]

Fost dawk li jitilqu mid-daqq jew mill-għana hemm x'uħud li jkollhom iħallu pajjiżhom u jemigraw għall-Awtralja jew għall Kanada. Ħafna drabi dawn jibqgħu jżommu kuntatt ma' sħabhom ta' Malta billi jibagħtu lil xulxin l-għana tagħhom fuq iz-zagarella, u kien hemm min ordna kitarra għand wieħed mill-iprem daqqaqa li għandna u b'hekk it-tradizzjoni qadima tal-għana Malti qasmet l-ibħra u tħawlet fost il-komunitajiet Maltin fl-artijiet il-ġodda fejn marru jgħammru. Barra minn hekk, xi għaqdiet ta' l-emigranti minn żmien għal ieħor jistiednu għannejja minn Malta biex jieħdu sehem f'manifestazzjonijiet kulturali hemmhekk jonkella fi programmi tar-Radjo. Donnu li ħaġa li tkun imċaħħad minnha iżjed tkun trid tgħożżha; u dan hu sewwasew il-motiv tal-ħidmiet li qed insemmu fost l-emigranti – kif jissemma ċar f'ittra mibgħuta f'April ta' l-1978 lil wieħed mill-għannejja l-iżjed magħrufa Maltin li kien mistieden biex imur igħanni l-Kanada: "... to retain our ancient Culture and to pass it on to our descendants for the enrichment of the Culture of all Canadians".[18]

*Effett tat-Turiżmu – Folkloriżmi*

It-Turiżmu jista' jkollu effett tajjeb fuq il-ħarsien ta' l-identità fil-qasam tagħna. Hemm ħwejjeġ li huma karatteristiċi ta' pajjiżna li donnhom baqgħu ħajjin jonkella ħadu ħajja ġdida bis-saħħa tat-turiżmu. Insemmu bħala eżempju id-dehra tal-karrozzin li, fil-għamla li nafu aħna, jingħad li ssibu biss f'Malta u f'Ġibiltà. Il-gruppi ta' żeffiena lokali, li ġie li jmorru jieħdu sehem f'konkorsi internazzjonali ta' żfin folkloristiku, huwa żvilupp ieħor reċenti li sewa, fost ħwejjeġ oħra, biex ma jħallix iż-żifna tagħna *Il-Maltija* tintesa u tmut għal kollox.[19] U b'riħet it-turiżmu wkoll baqgħet ħajja s-sengħa tal-bizzilla, u x-xogħol tal-filugranu. Il-Karnival fil-gżejjer tagħna jiġi organizzat bil-ħsieb li jiswa ta' attrazzjoni turistika barra li jipprovdi divertiment għalina l-Maltin ukoll. Il-festi fl-

ibliet u l-irħula, li jlewnu l-kalendarju ta' żmien l-istaġun tal-festi bejn Mejju u Settembru, flimkien mal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, insibuhom imsemmija u preżentati fir-reklami turistiċi bħala espressjoni ta' l-identità Maltija. Nisimgħu b'"iljieli Maltin", kultant imsemmijin "extravaganza" f'xi lukandi li fihom, barra ikel lokali, ikun hemm daqq u żfin u xi għana Malti u wirjiet oħra ta' lewn lokali. Minn daqqiet l-istess impenn biex tinħoloq atmosfera lokali wassal lis-sidien biex jiċċelebraw l-anniversarji tal-ftuħ tal-lukanda tagħhom bid-daqq ta' baned miġjuba għall-okkażjoni u bil-ħruq tal-musketterija bħalma soltu jsir fil-festi.

Min-naħa tal-frustieri li ġew biex jibqgħu residenti f'pajjiżna rajniehom iqanqlu interess fl-arkitettura rurali, billi xtraw u rranġaw irziezet qodma, kultant mitluqa, biex igħixu fihom huma ma' nieshom u ħbiebhom. Meta raw hekk, kien hemm Maltin ukoll li għamlu bħalhom u rranġaw irziezet oħra għalihom. Nittamaw li dan l-interess fir-razzett Malti jissarraf ma jdumx minn xi studjuż f'monografija speċjalizzata, bażata fuq riċerka sew mil-lat ta' arkitettura kif ukoll ta' natura soċjo-kulturali mifruxa fuq bosta mkejjen u trufijiet ta' rħula f'Malta u Għawdex.[20]

Dan li għaddejna u għadna qed ngħaddu minnu f'Malta ġara wkoll, u forsi fuq skala ikbar, f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika. F'dawn l-aħħar tletin sena bosta studjużi, ewlenin fosthom dawk Tedeski, innutaw u kkommentaw dwar dan il-fenomenu, imsejjaħ *folkloriżmu*, li bih iridu jfissru l-mod kif it-tradizzjoni jew il-folklor, maqtugħ mill-kontest oriġinali u lokali tiegħu, qed jiġi adattat għal skopjiet differenti. Inkiteb ħafna u tfissru bosta fehmiet favur u kontra fid-dibattitu li xegħel, jekk dan huwiex folklor veru jonkella artifiċjali, i.e. "fakelore". Fil-kontest ta' Malta, fejn iċ-ċokon tagħna malajr iwassal għan-nisi u għall-qerda ta' ħwejjeġ ċkejknin ta' bla valur materjali bħalma nsibu fil-folklor, naslu biex ngħidu li folkloriżmi bħal dawn ma jagħmlux deni, għax għall-inqas iżommu ħajja t-tifkira ta' aspetti awtentiċi tal-ħajja qadima Maltija u jistgħu jgħinu wkoll fit-tnissil ta' żviluppi ġodda fuq il-mudell ta' dawk tradizzjonali.[21]

*Effett ta' l-Emigrazzjoni*

Jekk wieħed irid ikun jaf kif il-poplu nnifsu jagħraf l-elementi essenzjali tal-wirt folkloristiku tiegħu biżżejjed jistudja ftit il-fenomenu ta' l-emigrazzjoni u l-effett tagħha fil-qasam tal-kultura popolari. Għandna bniedem, jew familja jonkella grupp ta' familji li kellhom isiefru, jinqatgħu mill-egħruq ta' pajjiżhom biex ifittxu għajxien aħjar f'art barranija, jaħdmu spalla ma' spalla ma' nies frustiera ta' kull ġens u nisel.

Jadattaw kemm jadattaw irwieħhom għaċ-ċirkostanzi ġodda ta' xogħol u ritmu fil-ħajja, huma jibqgħu jfittxu xi ħaġa familjari biex jitwieżnu fuqha fl-ambjent il-ġdid, u jintebħu li huma jkunu ġarrew magħhom, f'qalbhom, biċċa minn Malta li tissarraf fi drawwiet, fi twemmin komuni, f'xi żifna jew għanja, f'xi ikel tradizzjonali ta' arthom. Dawn il-ħafna naqriet jiffurmaw għalihom roqgħa ċkejkna li, ikunu fejn ikunu, għalihom tkun tfisser Malta. U hekk kif huma jieħdu u jassimilaw użanzi u drawwiet tal-post fejn ikunu marru, min-naħa tagħhom jintroduċu x'uħud mill-użanzi li jkunu ġiebu magħhom minn pajjiżhom. Mhux id-drawwiet kollha, imma waħdiet magħżulin skond iċ-ċirkostanzi ta' fejn jinzertaw qegħdin, bħala wirja ta' aspett jew ieħor ta' l-identità tagħhom.

Dan huwa fenomenu li qed naraw jitwettaq fi żmienna mill-emigranti ta' llum, bħal ma twettaq qabel fit-tranja ta' l-emigrazzjoni lejn ix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq. Insegwu fuq fuq il-fil ta' din il-għażla spontanja ta' elementi karatteristiċi li l-poplu ried jibqa' jżomm imfakkra fl-art li jiha jmur jibda ħajja ġdida.

*It-8 ta' Settembru u fest oħra fost l-emigranti*

Għal ħafna snin il-festa tal-Vitorja, it-8 ta' Settembru, kienet meqjusa bħala l-Jum Nazzjonali Malti, u dan il-jum, imfakkar u mfaħħar f'kull żmien mill-aqwa poeti tagħna, ikkapparra wkoll niċċa żgħira, imma taħraq, fil-qlub tal-Maltin ta' barra bħala simbolu ta' għaqda nazzjonali. Għalhekk insibu li sa mis-Snin Għoxrin il-"Maltese-Canadian Society" ta' Toronto, fil-Kanada, kienet tiċċelebra l-festa tat-8 ta' Settembru, u dan baqa' jsir sal-1974, meta mbagħad l-istess ħidma għaddiet f'idejn il-"Federation of Maltese Organisations" t'hemmhekk (*Sunday Times*, Nov. 8, 1987). Sa minn ħafna snin qabel it-Tieni Gwerra Dinjija l-komunità Maltija fi Tripli kienet tfakkar bil-kbir l-istess jum u fost ħwejjeġ oħra dakinhar kienet tiġbed l-ammirazzjoni ta' nies ta' nazzjonalitajiet oħra bil-ġostra li kienet issir fil-Port ta' Tripli, (*Times*, Nov. 28, 1987). Fl-Awstralja tista' tgħid illi l-Festa tal-Vitorja tiġi ċelebrata b'solennità fil-biċċa l-kbira ta' l-ibliet kbar fejn hemm komunità mdaqqsa Maltija (*Times*, Nov. 1, 1988).

Huwa magħruf illi l-Maltin jagħmlu għalihom il-festi; u ħafna huma dawk l-emigranti li jiġu hawn Malta għal btala biex jaraw 'il nieshom u fl-istess ħin igawdu l-festa ta' pajjiżhom. Imma barra minn hekk, mis-Snin Sittin 'l hawn nibtet u kibret ċaqliqa, l-iżjed fl-Awstralja, biex hemmhekk jibdew isiru l-festi tal-qaddisin patruni bejn wieħed u ieħor bħalma jsiru fi gżiritna. Jitwaqqfu kumitati jew soċjetajiet u ċentri

apposta biex jorganizzaw ħidmiet bħal dawn. Minn ta' quddiem nett f'dan il-moviment kienu l-emigranti Għawdxin mix-Xagħra, u mbagħad dawk min-Nadur ġewwa Melbourne, li bdew jiċċelebraw l-Imnarja daqs 27 sena ilu (*Times*, August 9, 1986). Wara żmien, fl-1976, mat-twaqqif tat-"Tarxien Social Club", bdiet ssir il-festa tal-Lunzjata fil-knisja Our Lady, f'Ballarat Rd, Maidstone, bil-ħruġ tal-vara tal-Lunzjata fil-purċissjoni.[22] Fl-1981 dawk tan-Nadur ordnaw statwa tal-qaddisin Pietru u Pawlu għand l-iskultur Michael Camilleri Cauchi. Is-sena ta' wara tħajru jagħmlu bħalhom l-Għawdxin imnisslin mill-Belt Vittorja, flimkien mal-Qriema, it-tnejn devoti ta' San Ġorġ, u l-istatwa tal-qaddis inħadmet mill-istess artist, u waslet Melbourne fit-23 ta' Marzu, 1982. L-emigranti Ħamruniżi ma baqgħux lura, u kkommissjonaw statwa ta' San Gejtanu għand l-artist li semmejna, statwa li waslet Sydney fis-6 t'Awissu, 1983, sewwa sew għall-festa tal-qaddis (*Sunday Times*, August 21, 1983).

Fis-sena 1984 żdiedu żewġ statwi oħra bil-ħidma ta' l-Għawdxin f'Melbourne – waħda ta' San Ġwann Battista, kopja tal-vara li hemm fil-parroċċa tax-Xewkija (*Sunday Times*, March 25, 1984) u oħra ta' Santa Marija li saret bil-kooperazzjoni tal-Banda "Leone" tar-Rabat t'Għawdex, li mhux biss għenet lill-Kumitat f'Melbourne billi ordnat l-istatwa f'isimhom imma wkoll bagħtetilhom marċijiet ħalli jindaqqu għall-festa mill-Banda Maltija f'hemmhekk. (*Times*, February 25, 1984).

Ta' min igħid ukoll illi qrib il-jum tal-festa f'ħafna bliet fl-Awstralja qed jiġu organizzati bħal festivals kulturali li fihom jispikkaw aspetti oħra ta' folklor Malti, bħal ma huma l-għana bid-daqq tal-kitarri, marċijiet minn baned Maltin, il-logħob tal-boċċi, il-bejgħ tal-pastizzi u ikel ieħor Malti (*Times*, Nov. 1, 1988 u October 10, 1987)

Insemmu fl-aħħarnett l-iżvilupp ġdid li sar din is-sena li qegħdin fiha, meta l-Maltin tal-parroċċa ta' Our Lady of Victories, ta' Horsly Park, New South Wales, fl-Awstralja, immexxija mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, ħarġu l-flus u kkommissjonaw numru ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira għand l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi. Il-vari tlestew u ntbagħtu bl-ajru biex ikunu hemm għall-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena li ħabtet fl-24 ta' Marzu. Kif qrajna f'"Il-Ġens" tat-3 ta' Marzu, 1989 "din se tkun l-ewwel parroċċa li se tagħmel purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira". Ma tridx tkun profeta biex tbassar, fuq li ġara bl-istatwi tal-festi titulari li semmejna qabel, illi ma ndumux ma naqraw li l-emigrant Malti ta' parroċċi oħra fl-Awstralja tħajru jkollhom huma wkoll purċissjoni b'sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

*Il-Baned – Boroż ta' San Martin – Il-Karrozzin – "Il-Maltija"*

Il-baned huma r-ruħ u n-nifs tal-festa bħala istituzzjoni popolari, u dan għarfuh mhux biss l-emigranti fl-Awstralja imma wkoll dawk tal-Kanada. Sa mill-1971 twaqqaf f'Toronto l-"Malta Band Club" taħt it-tmexxija tas-Surmast Paul Gauci. Minn tnax-il bandist li kellha fil-bidu, illum fiha tmenin bandist, kollha emigranti jew ulied emigranti minn Malta, taħt is-surmast Charlie Dimech. Fost ħidmiet oħra din il-banda jikruha biex tagħti servizz fejn il-Maltin ikunu qed jiċċelebraw il-festa tal-belt jew raħal f'Malta jew f'Għawdex imnejn ikunu ġew (*Times*, February 11, 1987.)

Hemm aspetti oħra ta' folklor etniku li għandu mnejn ma jolqotx il-għajn daqs il-festi imma li xorta waħda jirrifletti naħa jew oħra ta' l-identità kulturali Maltija. Hekk insibu li, fil-Kanada wkoll, kif naqraw f'ħarġa tal-fuljett *Aħna Lilkom - Ħolqa bejn il-Ħbieb* (Nru. 131 - Frar 1979), fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin ta' ftit xhur qabel, "Johnnie Catania u l-"Malta United Society" ta' Windsor għamlu 'party' lit-tfal Maltin ta' dik l-area. Fl-aħħar tal-'party' dawn it-tfal ingħataw il-borża tradizzjonali ta' San Martin mimlija lewż, ġewż, qastan, tin, larinġ u l-ħbejża". Min-naħa tiegħu, il-"Maltese Parish Council" ta' detroit iċċelebra wkoll l-istess festa, u "wara l-quddiesa tqassmu l-boroz ta' San Martin".

Inżidu ngħidu li daqs sena u nofs ilu, ġewwa Sydney deher għaddej mat-triqat karrozzin Malti. Is-sewwieq tiegħu kien tela' l-Awstralja fl-1970 u għal sbatax-il sena sħaħ baqa' jixxennaq u joħlom li xi darba għad jirnexxilu jkollu f'idejh karrozzin bħal dawk li kien imdorri bihom il-Ħamrun. Saflaħħar il-ħolma ta' ħajtu twettqet, u issa jħossu kburi għaddej isuq bil-parilja fit-triqat ta' Sydney (*Times*, November 11, 1987).

Ġewwa Sydney wkoll f'dawn l-aħħar snin saret enfasi kbira biex it-tfal ta' l-iskola Maltin jiġu mgħallma jiżfnu l-*Maltija* – iż-żifna nazzjonali tagħna. Jingħataw flus apposta mill-awtoritajiet biex isir dan, u twaqqfu żewġ gruppi Maltin taż-żfin biex jibdew jieħdu sehem fil-pubbliku bħala espressjoni ta' kultura Maltija (*Times*, October 13, 1984) Din il-kuntradanza Maltija ġieli tinżifen minn gruppi Maltin fl-istess belt ta' Sydney fl-attivitajiet organizzati kull sena għall-Karnival ta' dik il-belt mill-"Maltese Community Council" ta' New South Wales bħala "a link with the Maltese way of life" (*Times*, October 24, 1987).

*Drawwiet li nqatgħu*

Kull pajjiż, jew aħjar, kull poplu jeħtieġlu minn żmien għal ieħor

jiskopri lilu nnifsu mill-ġdid, jara fiex wasal, u x'jonqsu, u meta u safejn għandu jieqaf f'dak li qed jagħmel. Tajjeb għalhekk li, fost il-għaġla tat-tibdil soċjali u kulturali ta' dan l-aħħar kwart tas-Seklu Għoxrin li ninsabu fih, nagħtu ħarsa lura u naraw f'liema taqsimiet tal-folklor morna lura, fiex inqasna, u x'kienet ir-raġuni.

Hemm bidliet li jġib miegħu ż-żmien li jkollok taċċettahom bħala prezz tal-progress jonkella għax issa tant laħqu daħlu 'l ġewwa li tagħmel x'tagħmel ma jirnexxilek qatt treġġagħhom lura. Fost dawn ta' l-aħħar insemmu d-drawwiet tat-tiġijiet u tal-funerali li llum huma għal kollox xort'oħra milli naqraw kif kienu jsiru mitejn jew tliet mitt sena ilu.[23] Id-daqq ta' strumenti primitivi bħalma huma ż-żaqq u t-tanbur u r-rabbaba jew żavżava tista' tgħid li wasal biex jinqata' għal kollox. Jidher li m'għadx hawn ħtieġa soċjali għalihom, minkejja l-isforzi li saru mill-1953 'l hawn biex inqajmuhom.[24] Ukoll fil-għana, għalkemm, kif urejna, l-arti fit-taqbil spirtu pront u tal-fatt kibret u tferrxet, l-istil l-ieħor imsejjaħ *għana la bormliża* jew *fil-għoli*, meqjus mill-għannejja nfishom bħala l-ogħla forma ta' espressjoni artistika, għoddu nqata' għax huwa stil diffiċli wisq biex toqgħod għar-regoli tiegħu.[25] Oħra. Ilum li, għall-grazzja t'Alla, il-kotra ntrefgħet bit-tagħlim tal-qari, ma nistgħux nistennew li l-ġenerazzjonijiet żagħżugħa ta' niesna jibqgħu jgħidu dak it-talb qadim, imsejjaħ "orazzjonijiet", li fihom infishom kienu sbieħ ħafna, ladarba jafu jaqraw u għandna kotba tal-knisja bil-Malti. Dawn u ħafna ħwejjeġ oħra jispiċċaw ħelu ħelu, u kull ma nistgħu nagħmlu li niġbruhom qabel ma jmutu għal kollox biex iservu ta' dokument ħaj ta' l-imgħoddi, u bħala testi ġenwini għall-istudju tal-lingwa u tal-psikoloġija popolari.

Biss imbagħad hemm drawwiet li t-twarrib tagħhom jidher li sar jew qed isir bla ħsieb, u bi ftit ta' rieda tajba jistgħu jerġgħu jitqajmu mingħajr ma joħolqu ebda tfixkil, bħal ma sar sentejn ilu fil-każ tal-Bandu ta' l-Imnarja. Insemmu tnejn biss minn dawn id-drawwiet – il-ħġejjeġ ta' San Ġwann u l-Ġostra fil-Port il-Kbir nhar il-Vitorja. Huma żewġ drawwiet li għandhom rabta storika wkoll ma' żmien il-Kavalieri ta' San Ġwann, u ma jridux wisq biex jerġgħu jidħlu fil-kalendarju ta' l-avvenimenti folkloristiċi ta' matul is-sena, jekk hemm bżonn b'xi tibdil żgħir minn kif kienu jsiru qabel. Imma kif għedna, irid ikun hemm rieda tajba biex dan iseħħ. L-istess ħaġa ngħidu għall-*Parata*, żifna li tintrabat ma' dik li fil-kontinent tissejjaħ *La Moresca* u li biha, skond tradizzjoni li tmur lura sa żmien il-Gran Mastri, irid jibda l-Karnival Malti, waqt li kif qed tinżifen illum tilfet it-tifsira tagħha u tħalltet maż-żifna l-oħra *fl-Maltija* b'mod

li ġew sfigurati sew il-waħda kemm l-oħra.

Drawwiet oħrajn li ma nistgħux inreġġgħuhom lura għall-ħajja nistgħu nħallu tifkira dokumentata tagħhom fil-Mużewijiet tal-Folklor li nfetħu xi snin ilu, wieħed f'Malta u l-ieħor f'Għawdex. Biss, ikollna ngħidu li għadna 'l bogħod biex dawn il-mużewijiet jilħqu l-livell meħtieġ f'dik li hi firxa ta' aspetti tal-ħajja b'espressjoni folkloristika kif ukoll fil-għażla u l-preżentazzjoni ta' l-oġġetti u fil-konċett innifsu ta' mużew ta' din ix-xorta, e.g. jekk tqegħidx kollox taħt is-saqaf jew lè, u jekk imissux inbeda diġà l-ġbir minn bosta bnadi mxerrdin ta' materjal sussidjarju viżwali u ta' l-udit biex iservi ta' bażi għal arkivju tal-folklor.

Huwa fatt ukoll illi xi aspetti tal-folklor, flok issaħħu, iddgħajfu. Nafu li, bil-maqlub ta' li ġara fl-għana u d-daqq tradizzjonali, fin-narrativa popolari morna lura wisq. Il-ħrejjef Maltin, miġbura b'għożża kbira minn fomm misserijietna fl-ewwel snin ta' dan is-seklu minn Patri Manwel Magri u minn studjużi barranin bħal Bertha Ilg u Hans Stumme, biex ma nsemmux oħrajn ta' żmienna,[26] qajla għadek tismagħhom fil-ġabra tad-djar. It-tfal imdawrin m'ommhom m'għadhomx jissaħħru bil-kelma ħajja Maltija tal-ġrajja ta' Bin il-Mara l-Għarfa, tax-Xebba tal-Ġmiel, tad-Dragun Draganti, tas-Sansun Malti, ta' Ċosolina u oħrajn bħalhom. Flokhom illum jirrakkuntawlhom, aktarx b'ilsien ieħor, stejjer oħra, sbieħ kemm tridhom u magħrufin f'bosta pajjiżi, imma stejjer li ma għandhom ebda egħruq f'pajjiżna. Is-sengħa tar-rakkont ħaj bil-Malti tista' tgħid li mietet għal kollox hawn Malta. M'nn Alla li għadna nistgħu nsibu xi ftit minn dawn il-ħrejjef Maltin, maħruġin f'kotba żgħar bl-istampi adattati għat-tfal![27]

*Tħassib dwar it-twarrib tal-Malti fit-tfulija*

Fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu, l-ommijiet illum qishom insewhom il-kelmiet, ibaqbqu bl-imħabba, "Orqod, ibni, orqod", flimkien man-noti ħelwin tat-taħnina jew ninnanna Maltija, li bihom kienu jraqqdu t-trabi sa fi żmienna. Lit-tfal żgħar qed joħolqulhom "baby language" ġdida billi jżidu *ie* ma' kull kelma bl-Ingliż li tiġi f'rashom – bird*ie*, sweet*ie*, moon*ie*, egg*ie*, girl*ie*, meat*ie*, shoes*ie*, u bosta oħrajn.[28] Imqar tara t-tfal jilagħbu tinduna li daħlu ġmielhom il-logħbiet bil-kliem barrani għall-istess logħba li tagħha għandna l-kliem Malti ġej mill-qedem – "Ring-a-Ring 'o roses" flok "Dawra Durella", u "Clap hands" flok "Banni bannozzi". Niftiehmu: kieku t-tfal jitgħallmu logħob bħal dan *minbarra dawk* li writna bil-kliem Malti, kieku forsi ma jkun fiha xejn ħażin. Iżda li qed jiġri hu li bla ħsieb ta' xejn qed inħallu jidħol dan il-

logħob *minflok* u *biex iwarrab u jnessi* l-logħob tradizzjonali Malti.[29] Ma nkunx qed nezagera meta ngħid li ftit snin ilu, meta ridna nuru xi ftit logħob Malti fuq it-TV, tgħidx kemm taħbit biex lit-tfal tgħallimhomlhom, bil-kliem u ċ-ċaqliq kif għandhom jintlagħbu – għax il-logħbiet kienu ntesew!

Dawn huma kollha ħwejjeġ li, għalkemm żgħar, għandhom l-importanza tagħhom għall-identità kulturali, u jekk ma noqogħdux attenti, it-tendenza li hawn bħalissa biex lit-tfal inkellmuhom bl-Ingliż flok bil-Malti tispiċċa aktarx biex tgħawwar u therri l-aqwa simbolu u prova ta' l-identità tagħna li hija l-lingwa Maltija – u magħha wkoll dawk l-aspetti tal-folklor li jsibu l-espressjoni tagħhom bil-Malti – ħrejjef u leġġendi, taħnin, taqbil tat-tfal (*children's rhymes*), ħaġa moħġaġa, proverbji u għajdut ieħor.

Jidher għalhekk li wasal iż-żmien biex nifhmu u nfiehmu illi l-proċess mgħaġġel u eżaġerat ta' sostituzzjoni bla bżonn ta' dak li hu tagħna b'ieħor missellef juri, f'ċerta sens, mentalità ta' ġens mirbuħ, xhieda fl-aħħar mill-aħħar ta' "inferiority complex". Nagħmlu sewwa jekk nagħrfu illi meta tinħall ir-rabta naturali li hemm bejn l-ilsien u l-kultura ta' pajjiż jintilfu wkoll l-aqwa valuri li bihom wirt artna jintrafa' u jisseddaq. U l-ħasra hi li, jekk tikkonsidra, tul sekli sħaħ ta' ħakma barranija rnexxielna nżommu sħiħa t-tradizzjoni li tagħżilna u tagħtina l-identità kulturali tagħna, waqt li issa, proprju wara li sirna pajjiż indipendeneti, dawn l-elementi tradizzjonali qed innessuhom u nħalluhom jinqerdu minħabba fehmiet żbaljati ta' prestiġju, ta' poter u ta' superjorità soċjali.

Infissru ruħna biex dan li għedna ma jiftihemx ħażin. Mhux biss m'għandna xejn kontra t-tagħlim sew u kif imiss tal-lingwa Ingliża lil uliedna, imma nieħdu gost kieku l-istudju ta' dan l-ilsien internazzjonali, bil-koltura tiegħu, u ta' lingwi oħra, jista' jgħaddi 'l quddiem iżjed milli għadda s'issa. M'hemm l-ebda biża' li dan l-istudju se jkun imfixkel, jew li Malta tisfa iżolata, maqtugħa mill-pajjiżi kbar ta' l-Ewropa, jekk nibqgħu nħarsu l-kelma Maltija li writna fit-tradizzjoni.

*Egħluq*

Nittama li fissirt biżżejjed kif il-folklor jinfirex mal-ħajja ta' niesna u jintrabat ma' l-identità kulturali ta' Malta, u fuq kollox x'għandu jsir biex ma nitilfux l-individwalità tagħna bħala nazzjon u biex inħarsu bil-fatti il-wirt folkloristiku li jagħti lewn u sura "lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha".

NOTI U RIFERENZI

1. Għal tagħrif siewi dwar l-element Rumanz fil-Folklor Malti ara: J. AQUILINA, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs,* University of Malta, 1972; Amy A. BERNARDY, 'Il valore della tradizione a Malta', *Lares,* VI, 1-2 (1935), pp. 84-87; 'Forme e colori della tradizione a Malta', *op. cit.*, XI (1940), pp. 245-292; Ġ. CASSAR PULLICINO, 'Linguistic analysis of Fr. Magri's folktales', *Journal of Maltese Studies',* 1, 1961, pp. 81-116; *Skunġrar u Orazzjoni fil-poeżija popolari reliġjuża f'Malta,* Università ta' Malta, 1981; *Studi di tradizioni popolari maltesi,* Università di Malta, 1989; Raffaele CORSO, 'Malta e le sue feste', *Maltese Folklore Review,* I, 1, 1962, pp. 3-7; A. CREMONA, 'Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta', *Archivum Melitense,* VI, 1922, pp. 1-32; 'Is the Maid of Mosta a myth?' *Journal of the Malta University Literary Society,* I, No. 10, March 1934, pp. 464-470; *Folklore Maltese* (lingua, credenze, costumi), estratto dalla rivista *Folklore* (Napoli), IX, 1-2, 1954; *'Le relazioni etnografiche del folklore narrativo e leggendario delle isole di Malta,* estratto dalla rivista *Maltese Folklore Review,* Nri. 1-3, 1962-1966, 1966; Carmelina NASELLI, 'Manto Siciliano' e 'faldetta' maltese', *Maltese Folklore Review,* I, 3, 1966, pp. 217-225; Joseph PERETTI, *Les aspects linguistiques littèraires artistiques et folkloriques de l'italianitè de Malte,* Tolentino, Casa Editrice 'Filelfo', 1965 - Chap. VIII "Le Folklore et les Usages", pp. 257-296; Ettore ROSSI, 'Scibilia Nobili' e la leggenda maltese della Sposa della Mosta', *Lares,* n.s., III, 1932, pp. 5-10
2. Għal studji reċenti dwar l-element Semitiku ara: Ġ. CASSAR PULLICINO, 'Determining the Semitic Element in Maltese Folklore', *Studies in Maltese Folklore,* University of Malta, 1976, pp. 40-54; 'The Mediterranean Islands as Places of Synthesis between Arab Cultures and European Cultures', *Journal of Maltese Studies,* 13, 1979, pp. 17-42; 'Some Parallels between Maltese and Arabic Folklore', *Acta Etnographica,* Vol. 34, Budapest, Magyar Tudomanyos Akademja, 1989; u (flimkien ma' Micheline GALLEY), *Femmes de Malte dans les chants traditionnels,* Paris, Editions du CNRS, 1981; Micheline GALLEY, 'A Mediterranean Hero (Ġaħan)', *Journal of Maltese Studies,* 7, 1971, pp. 64-70; 'Celui qui amait sa mère ou le Samson maltais', in G. CALAME-GRIAULE, *Permanence et metamorphose du conte populaire,* Publications Orientalistes de France (POF), 1975, pp. 32-44; 'Un conte maltais' (T. 327-328), *Litterature Orale Arabo-Berbère,* Bulletin n.8, Paris, 1977, pp. 161-173; 'A la recherche de l-Imnarja', *op. cit.,* Bulletin n. 14, 1983, pp. 363-374; 'L'Ile au trésors existe-t-elle?', *Cahiers de litterature orale* n. 23 (numero special sur le monde arabe), 1988, pp. 77-108; Lucienne SAADA, 'Maltais de Tunisie', *Gli Interscambi culturali e socio-economici fra l'Africa settentrionale e l'Europa mediterranea,* Napoli (ed. Luigi Serra), p. 795 et seq.
3. A. MIFSUD, 'L'approvigionamento e l'Università di Malta nelle passate dominazioni', *Archivum Melitense,* III, n. 5, Luglio 1918, p.188.
4. Godfrey WETTINGER, *Some Aspects of Slavery in Malta.* Teżi mhix ippubblikata għall-grad ta' M.A. ta' l-Università ta' Londra, 1971 Ċitata bil-korteżija ta' l-awtur.
5. Ara l-kummenti tagħna fl-istudju, 'The Mediterranean Islands as Places of Synthesis between Arab Cultures and EuropeanCultures', *Journal of Maltese Studies,* 13, 1979, p.36.
6. Insemmu x'uħud minn dawk li rajna jew li nafu bihom: (a) *Wirjiet organizzati mill-"Għaqda Maltija tal-Folklor"* fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Belt: "Drawwiet Qodma Maltin" - 15 t'April - 9 ta' Mejju, 1971; "Il-Wegħda fil-Folklor"

(Ex-Voto) - 20 ta' Lulju - 4 t'Awissu, 1974; "Ilbies Qadim fl-Imgħoddi" 23-30 ta' Ġunju, 1976; u "Aspetti ta' Folklor" - kwadri ta' Guido Lanfranco: - 17-24 ta' Settembru, 1983; (b) *Wirja Etnografika* fil-'Lobby' tal-Bibljoteka ta' l-Università fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Kongress ta' Studji tal-Mediterran dwar l-Influwenza Arabo-Berbera, taħt il-presidenza tal-Prof. Fernand Braudel bejn it-3 u s-6 ta' April, 1972; (c) *Wirjiet organizzati mis-"Soċjetà Storika ta' Malta"*: "Il-Fratellanzi f'Malta" fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, f'Diċembru, 1979; "L-Istorja tat-Trasport f'Malta", fl-'annexe' tal-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt, bejn is-6 u l-14 ta' Novembru, 1981; u "Vari Titulari ta' Malta u Għawdex u l-Istatwarji tagħhom" fl-istess post, bejn it-3 u l-11 ta' Novembru, 1984. (d) "Wirja ta' Folklor Malti", fis-Sala tal-Bon Kunsill, Paceville, San Ġiljan, bejn is-26 ta' Ġunju, u l-4 ta' Lulju, 1976.
Fost id-dokumentarji nsemmu: (a) il-films (16 mm.) miġbuda fis-Snin Ħamsin mill-"Malta Amaterur Cine Circle", fosthom wieħed dwar is-sajd bit-tunnara u ieħor dwar iż-żifna "Il-Maltija"; (ii) il-films bil-kulur miġbudin mill-'Film Unit' tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni mill-1962 'il quddiem, fosthom dak dwar il-Karnival, ieħor dwar l-Irxoxt ta' Bormla u tal-Birgu, u "Crafts of an Island". dwar is-snajja' ż-żgħar; (iii) 9 programmi li l-Malta Broadcasting Authority ipproduċiet bejn Ottubru, 1964 u Lulju 1965 dwar is-snajja' l-qodma li qed jispiċċaw, b'intervisti ta' Lawrence Mizzi ma' nies tas-snajja'; (iv) 6 programmi tal-kittieb preżenti li Manni Spiteri ipproduċċa fuq l-MTV bejn Diċembru 1965 u Mejju 1966 bl-isem "Drawwiet ta' Dari", u (v) is-sensiela "Wirt Artna", imwassla fuq l-MTV kull ħmistax bil-koordinazzjoni ta' Charles Coleiro u Tony Parnis bejn Jannar, 1970 u Diċembru 1971.

7. S. BARTOLI GALEA, (S.B.G.) 'L-Irxoxt fi Tfuliti', *Leħen is-Sewwa* (9.4.1966); C. GALEA SCANNURA (C.G.S.), 'L-Għid il-Kbir fil-Parroċċa Tagħna', *Cospicua*(April, 1962); J.M.B., 'L-Irxoxt ta' l-Isla',*Berqa* (25.4.1962).
8. Insemmu, fost oħrajn, dawn: Patri Ġorġ AQUILINA, *Il-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt, b'żjieda minn Guido Macaluso u Samuel Buġeja.* [Valletta], Ed. Tau, 1986; J. BEZZINA, 'Folklore tar-Randan f'Għawdex', *Il-Malti*, 1960, pp. 22-25; 1962, pp. 15-20; 'Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Qormi u r-Rabat', *It-Torċa*, (15.4.1962); 'Il-Ġimgħa l-Kbira fil-Parroċċi u l-Kolleġġjati t'Għawdex', *ibid.*, (7.4.1963); J. BORG, *General Information about Mosta's Good Friday Procession and a Description of its Statues* (leaflet), 1976; Joseph C. CAMILLERI, 'Ħarsa storika lejn il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Gżejjer Maltin', *Il-Mosta* (Frar-April, 1984); 'Good Friday Processions in Malta (1): Paola', *Civilisation* , 31, 1987, pp. 849-851; Ġużè CARDONA, 'Ħal Qormi u l-Ġimgħa l-Kbira', *Gwida* (3-9 April, 1977); Ġ. CASSAR PULLICINO, 'Lenten Customs and Traditions in Malta', *Sunday Times of Malta* (3.4.1955); *La Settimana Santa a Malta* - estratto dalla rivista *Phoenix*, Anno II, N. 1-2, Bari, 1956; 'Holy Week', in *Studies in Maltese Folklore,* University of Malta, 1976, pp. 28-35; Paul CATANIA, 'Holy Week Procession at Naxxar: Origins and early development in the 18th Century', *The Democrat* (April 11 and 18, 1987); 'Naxxar Holy Week Processions between 1750-1759 (*op. cit.* April 2, 1988) Charles GALEA SCANNURA, 'Il-Ġimgħa l-Kbira f'Bormla', *Gwida* (30 March - 5 April, 1980); Joseph F. GRIMA, 'Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa', *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi - Erba' Sekli ta' Storja,* ed. J.F. Grima, 1984, pp. 98-104; 'The Iconography of the Maltese Good Friday Processional Statues: Their Development between 1960 and 1984', *Proceedings of History Week 1984,* ed. Stanley FIORINI, 1986, pp. 141-148; Rev. Joachim SCHEMBRI, *Qormi's Good Friday Procession - general information with a description of the entire pageant,* 1968; Rev. Carmel ZAMMIT, *Good Friday Procession at Luqa* (bla data); A. ZAMMIT GABARETTA,

*Il-Birgu fil-Ġimgħa ta' l-Għid - Drawwiet ta' l-Imgħoddi,* 1973.

9. P. Philip MALLIA, O.P., *Il-Fratellanza tas-Ssmu, Sagrament fil-Parroċċa ta' S.M. tal-Portu Salvu, il-Belt 1575-1975,* 1975, pp. 191-196.
10. Ġ. ATTARD, 'Drawwiet u tradizzjonijiet tal-Milied fix-xagħra', *Il-Berqa* (23.12.1961); J. BEZZINA, 'Ix-Xitel tal-Presepju f'Għawdex', *ibid.* (16.12.1967); "Lejlet il-Milied f'Għawdex', *L-Orizzont* (18.12.1968); 'Il-Milied f'Għawdex', *Il-Berqa* (17.12.1966)
11. Ara *Il-Ħabbar Malti* (19.1.1884)
12. Insibu tagħrif dwar il-Presepju Ħaj li jsir f'Ħal Lija 'l hawn u 'l hinn f'xi ġurnali, eg. 'Il-Presepju Ħaj ta' Ħal Lija', *Il-Berqa* (24.12.1963) 'Live Crib at Lija', by Frans PORTELLI, *Times* (15.12.1985).
13. John AZZOPARDI, S.J., 'Christmas Pageant at San Lawrenz, Gozo', *Civilisation* 35, 1987, pp. 959-961. Ara wkoll tagħrif fil-qosor 'San Lawrenz Pageant - Christmas Highlight', *The Times* (Dec. 22, 1984) u 'Christmas Pageant at San Lawrenz', (Dec. 23, 1986).
14. Dwar il-bidu tas-siġra tal-Milied f'Malta ara Ġ. CASSAR PULLICINO, *Studies in Maltese Folklore,* 1976, p. 17.
15. Għal tagħrif reċenti dwar il-bidu tal-Purċissjoni ta' San Girgor ara M. FSADNI, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620,* 1974, pp. 258-9. Għal dokumentazzjoni storika dwar l-Imnarja ara. J. CASSAR PULLICINO, 'Documentary Material relating to l-Imnarja', *Littèrature Orale Arabo-Berbere,* Bulletin n. 14, 1983, pp. 1-97.
16. Minn dak li nkiteb fuq das-suġġett nagħżlu dawn: Charles CAMILLERI, 'Save our Folk-Music now', *Sunday Times of Malta* (30.1.1966); 'The Real Meaning of Folk-Music', (6.2.1966); 'Maltese Folk-Music - A New Life from Children's Songs', (13.2.1966); "Għana - Malta's Musical Heritage', (25.10.1970); G. CASSAR PULLICINO, 'Song and Dance in Malta and Gozo', *Journal of the English Folk Dance and Song Society,* 1961, pp. 63-71; (flimkien ma' M. GALLEY) *Femmes de Malte dans les chants traditionnels,* Paris, 1981 (passim); Micheline GALLEY, 'Chants traditionnels de Malte', *Littèrature Orale Arabo-Berbere,* Bulletin n. 11, 1980, pp. 115-126; 'L-Imnarja a Malte', n. 14, 1983, pp. 99-105; 'La femme et l-Imnarja' (poeme satirique), n. 14, 1983, pp. 339-352; M.A. HERNDON, *'Singing and Politics: Maltese Folk-Music and Musicians* (Ph.D. 1971) U.S.A., Tulane University, 355 p. (xerox copy); N. McLEOD, 'The *Bormliza,* Maltese Folksong Style and Women', *Journal of American Folklore,* 1975, pp. 82-100: Martine VANHOVE, 'Des *għana* dans la vie quotidienne à Gozo', *Cahiers de littèrature orale* n. 23 - La Tradition au Present (Monde Arabe) - 1988, pp. 109-112; 'Fatt et spirtu pront. Fonctions et valeurs de l'Imnarja dans la sociètè maltaise' par Cl.H. Breteau, C. Sammut, N. Zagnoli, in LOAB, n. 14, 1983, pp. 99-248; "Celui des fleurs' de Ħal Qormi. Entretien avec un chanteur et un musicien maltais', par Cl.H. Breteau. C. Sammut, N. Zagnoli, *ibid.*, pp. 249-305.
17. Fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju ta' l-American Folklore Society, f'Ottubru 1988 inqrat *Paper* f'Boston, U.S.A. miktuba minn Ġ. CASSAR PULLICINO u MICHELINE GALLEY fuq is-suġġett *Oral Poetry in the Maltese Islands: Imagery relating to Love.*
18. Minn kopja li għandi ta' ittra mibgħuta fis-17 t'April, 1978 minn Joe Micallef, Producer tal-Maltese Community Radio Programme "Wirt Malti", lill-għannej Mikiel Abela, 'Il-Bambinu'.
19. Bħala eżempji nsemmu t-tagħrif dwar '"Il-Maltija" revival at Hotel Phoenicia' mill-Grupp ta' Anna Larosa 'Il-Kortiġjani' (*Sunday Times* - 12.6.1983) u dwar id-Daphne Lungaro Folk Dancers, bil-kostum bl-għonnella, li ħadu t-tieni premju fil-"First World Folk Festival" f'Munich, fil-Bavarja, f'Awwissu, 1985 (*The Times* - August

22, 1985).

20. Għal xi kummenti dwar ix-xebh tal-girna Maltija ma' strutturi tas-sejjieħ fi Sqallija, Sardinja, l-Italja t'Isfel u l-Jugoslavja ara Dennis DE LUCCA, 'An Introduction to Maltese Architecture: Part 1' *Civilisation,* 36, 1988, pp, 1004-1006.
21. Għal kitba awtorevoli dwar il-fenomenu tal-folkloriżmu ara Venetia J. NEWALL, 'The Adaptation of Folklore and Tradition (Folklorismus)', *Folklore,* London, 98, 1987, pp. 131-151.
22. Ara l-foljett tal-Programm tal-Festa tal-Lunzjata f'Maidstone, l-Awstralja, għas-sena 1982, ġentilment mogħti lili minn Mgr. Dun Karm Sant.
23. Deskrizzjoni tat-tiġijiet qodma Maltin tinqara fl-Appendici tal-Konti G.A. Ciantar fl-edizzjoni tiegħu *Malta Illustrata* tad-*Descrizione di Malta* ta' G.F. ABELA, Libro Primo e Secondo, Malta, Stamperia del Palazzo, 1772, pp. 770-813. Tagħrif dwar kif isiru t-tiġijiet illum f'Malta jinsab fil-kitba ta' Jeremy BOISSEVAIN, 'Changing Bethrotal and Marriage Ceremonies in Malta 1960-1986' (Paper read at the 3rd Congress of the International Society for Ethnology and Folklore (SIEF) April 8-12, 1987 on "The Life Cycle", Zurich, Switzerland.)
24. J.K. PARTRIDGE and Frank DEAL, 'The Maltese Żaqq', *The Galpin Society Journal,* XXX, 1977, pp. 112-144, l-iktar il-paragrafu "The Future of the Maltese Bagpipe", p. 137.
25. M.A. HERNDON, *Singing and Politics: Maltese Folk Music and Musicians,* U.S.A., Tulane University, Ph.D. Dissertation, 1971, pp. 79, 82-3.
26. Għal lista tal-ġabriet ewlenin tal-ħrejjef Maltin ara J. CASSAR PULLICINO, *Studies in Maltese Folklore,* 1976, pp. 67-68.
27. Ara dawn il-'ħrejjef tradizzjonali għat-tfal', maħruġin għall-GULF minn Ġorġ MIFSUD, *Ġaħan u l-Ġgant Gulija* (1980); *Il-Praspar ta' Ġaħan* (1980); *Is-Serp tas-Sebat Irjus* (1980); *Torsinella* (1980); *Il-Bewsa tas-Seħer* (1981); *Ċiklemfusa: Is-'Cinderella' Maltija* (1981); *Aktar mill-Praspar ta' Ġaħan* (1983). Ara wkoll dawn iż-żewġ kotba, maħruġin mill-*Klabb Kotba Maltin* fis-sensiela "Ħrejjef Misserijietna" fl-1984: *Il-Lanġasa tad-Deheb* u *Bin is-Sultan jiżżewweġ ix-Xebba tat-Tronġiet Mewwija.*
28. Ta' min isemmi li f'pajjiżi oħra fejn qed jiġri l-istess hemm ukoll tħassib dwar dil-biċċa. F'nota editorjali interessant fil-ħarġa 35 ta' *Civilisation* (1987) naqraw: "It was suggested during the Mediterranean Regional Seminar of the International Council of Women held in Malta in October 1987, the theme being "Women as a Force for Peace", that mothers sing lullabies to their children. How can Maltese mothers do so if most of our lullabies have been irretrievably lost ?"
29. Fuq dan il-punt kont ktibt hekk fl-istudju 'Maltese Children's Rhymes and Poetry', *Journal of Maltese Studies,* 15, 1983, p. 70: "*... a very real danger has reared its ugly head amongst us. Owing to social pressures and to a mistaken sense of prestige values equating higher status with "Englishness" in speech and manners, many Maltese parents generally tend to discard the words and jingles in which they were themselves brought up in favour of English rhymes that are really alien to the Maltese tradition. Matters are not made any better in the schools, where Maltese rhymes do not figure in the organized play activities of the pupils. As verses learnt in early childhood are not usually passed on again until the little listeners have grown up, and have children of their own, what may well happen is a complete break in the process of transmission which, in some thirty years time, might result in the disappearance of a good part of our traditional nursery lore and consequently in the loss or distortion of our national identity*". Għal studji dwar dan is-suġġett ara l-ġabriet ta' Ġ. CASSAR PULLICINO,

'Kliem u Għidut it-Tfal' li deher biċċa biċċa f' *Leħen il-Malti* bejn l-1945 u l-1947 u 'Nursery Vocabulary of the Maltese Archipelago", *Orbis* (Louvain) VI, I, pp. 192-196; kif ukoll Edward FENECH, 'Development of the Maltese Baby Language', *ibid.*, XXVI, I, 1977, pp. 31-42.

30. Dwar il-logħob u t-taqbil tat-tfal ara G. CASSAR PULLICINO, 'Għana u Taqbil it-Tfal', *Leħen il-Malti,* Għadd 206-208, 1948, pp. 33-66; u Anton ATTARD, *Logħob Folkloristiku ta' Għawdex,* 1969.